MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 426/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Victor Vella, bin Emmanuel u Eucharistica nee Scerri, imwieled fit-22 ta’ Dicembru 1964, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` nru 1265(G), talli nhar it-18 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija, fi Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex bhala sid il-karozza nru IAF-272 (**1**) halla jew ippermetta lil Abdel Farhat minn Ghajnsielem isuq l-imsemmija karozza meta l-licenzja ta’ din il-vettura mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta ma kienitx imgedda ghas-sena kurrenti, u (**2**) talli gieghel jew halla lill-imsemmi Abdel Farhat juza u jsuq din il-vettura bin-numru fit-triq meta ghall-uzu minnu ma kienitx issehh polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Victor Vella hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ elf u ghoxrin lira (Lm1,020);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Victor Vella, minnu pprezentat fit-30 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti ta’ din il-kawza kienu, brevement, is-segwenti: l-appellant kellu fil-garaxx tieghu ta’ *panel beater* il-vettura msemmija fl-imputazzjoni. Gurnata minnhom tfaccat persuna ohra – Abdel Farhat – li ghall-prezz ta’ ftit aktar minn tlett mitt lira xtrat din il-vettura. Mill-ftit provi li hemm jidher li Vella ha din il-vettura bit-*tow truck* fejn ir-residenza ta’ dan Farhat u hallihielu ma’ genb ghalqa. Jidher ukoll li l-appellant kien wissa lil dan Farhat biex din il-vettura ma jsuqhiex qabel ma jaghmlilha l-licenzja u jkollha l-kopertura ta’ l-*insurance* (ara in partikolari l-affidavit ta’ PS 1346 Anton Schembri, a fol. 6 ta’ l-atti). Minkejja dan, Farhat, xi erbat ijiem wara, qabad u saqha, u spicca habat biha.

Issa, apparti li ma hu xejn car ghal din il-Qorti liema hija d-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni (ir-regolament 14(1) ta’ l-A.L. 476/2004 certament ma jghid xejn dwar li wiehed ihalli jew jippermetti lil xi hadd iehor isuq vettura mhux licenzjata), <u>iz-zewg imputazzjonijiet</u> huma ppernjati fuq il-fatt materjali li wiehed jew <u>ihalli</u> jew <u>igieghel</u> jew <u>jippermetti</u> s-sewqan minn persuna ohra ta’ vettura mhux licenzjata u mhux koperta bl-*insurance*. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-appellant – ghalkemm seta’ effettivament ghamel affarijiet ohra li huma bi ksur tal-ligi – ma jista’ b’ebda tigbid tal-lingwa jew ta’ l-immaginazzjoni jinghad li halla, gieghel jew ippermetta lil Farhat li jsuq il-vettura in kwistjoni. Anzi, jirrizulta bil-kontra, u cioe` li kien wissieh

biex ma jsuqhiex. Hu assolutament eskluz li l-appellant “gieghel” lil Farhat isuq l-imsemmija vettura, fis-sens li qabbdu jew ordnalu jsuqha. Bhala regola, biex wiehed ihalli jew jippermetti li ssir xi haga irid jirrizulta li dik ix-xihaga jew kienet ragjonevolment anticipata u li dak li jkun ma ghamel xejn biex jipprevjeniha; jew li dik ix-xihaga tkun saret meta dak li jkun seta’ ragjonevolment iwaqqafha milli ssehh. Fil-kaz in dizamina, minn dan ma gie ppruvat xejn. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi f’materja penali.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------